# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2002.**

**Kawza Numru: 11**

**Citaz. Nru. 1282/99GV**

Doc. 190-02

**Anthony Borg**

**vs**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur inkariga lill-konvenut sabiex jaghmel xoghol konsistenti fit-tibdil ta' kamra tal-banju fil-fond Edelweiss, appartament numru wiehed (1), fi triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara, inkluz tqeghid ta' madum gdid, *plumbing* u xoghol relatat.

Premess illi x-xoghol esegwit mill-konvenut sar hazin u mhux skond l-arti u s-sengha.

Premess illi ghalhekk l-agir tal-konvenut ikkawza danni lill-attur.

Ghalhekk l-attur talab lill-din il-Qorti:

1. Tiddikjara li x-xoghol esegwit mill-konvenut fuq inkarigu ta’ l-attur in konnessjoni mat-tibdil ta’ kamra tal-banju fil-fond hawn fuq imsemmi sar hazin u mhux skond l-arti u s-sengha.

2 Tillikwida d-danni sofferti mill-attur; u

3 Tikkundannah ihallas dawn id-danni lill-attur li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax minn notifika tal-ittra ufflcjali tad-19 ta’ Awissu, 1998 sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a. fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Zammit a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl--ispejjez stante li x-xoghol li esegwixxa l-konvenut gewwa l-proprjeta’ tal-attur sar skond is-sengha u l-arti u a pjena sodisfazzjoni tal-attur stess.

2 Illi l-konvenut qatt ma kkaguna l-ebda dannu lill-attur, u kwindi m’ghandux jigi kkundannat ihallsu l-ebda somma *in linea* tad-danni.

3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti:

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Semghet lil Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti: tiddikjara li x-xoghol esegwit mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-attur in konnessjoni mal-bdil ta' kamra tal-banju fil-fond "Edelweiss", Apartament 1, Triq il-Knisja l-Qadima, B'Kara inkluz tqeghid ta' madum gdid, *plumbing* u xoghol iehor relatat, sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti; tillikwida d-danni sofferti mill-attur; tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni lill attur;

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa: li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u a pjena sodisfazzjon ta' l-attur stess; il-konvenut qatt ma kkaguna dannu lill-attur, u ghalhekk m'ghandux jigi kkundannat ihallas ebda somma in linea ta' danni;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jippretendi li l-konvenut ghamel xoghol hazin meta inkarigah jibdillu l-kamra tal-banju u ghalhekk talab li l-Qorti tikkundannah ihallas id-danni li hu kkawza lill-attur.

Illi l-attur xehed dwar il-mod kif l-attur hadem fuq il-post u esebixxa ritratti biex juri l-hsara li giet kawzata. Il-konvenut ikkontesta t-talba ta' l-attur billi qed isostni li hu ghamel xoghol tajjeb u kien jonqsu ftit biss biex jispicca x-xoghol meta l-attur itterminalu l-inkarigu.

L-attur esebixxa ricevuti tax-xoghol u spejjez li kellu jaghmel permezz ta' haddiehor biex jirranga u jkompli fejn halla l-konvenut. Dawn il-kontijiet izda ma gewx konfermati minn min harighom; ma jidhirx li l-konvenut gie infurmat mill-attur li kien ser jaghmel xoghol rimedjali u dawn a spejjez tieghu. Inoltre ma giex nominat espert indipendenti biex jikkostata u jivvaluta l-hsara allegatament kawzata. Jigi notat finalment li fil-fatt anke kieku gie nominat espert dan difficilment setgha jikkostata x'sar billi llum l-kamra tal-banju giex mibdula u x-xoghol kollu sar.

Izda apparti dana l-fatt, il-Qorti tikkunsidra wkoll li jirrizulta li meta l-attur waqqaf lill-konvenut milli jkompli bix-xoghol, haga li kellu dritt jaghmel, hu kien talab lill-konvenut kemm ried biex jitlaq f'dak l-istadju li fih kien wasal ix-xoghol u l-konvenut talbu Lm100 ohra minflok Lm150 kif kienu miftiehma, u dana biex jaqtawha. Il-konvenut haseb li b'dak il-mod kienu ttransigew il-kwistjoni u kien intlahaq ftehim. L-attur ma kien ghamel ebda riserva li hu kien ser izomm lill konvenut responsabbli u ser ifittxu ghad-danni. Skond l-artikolu 1148 tal-Kap. 16 l-obbligazzjoni tista' tigi mitmuma bil-hlas maghmul. Kwantu ghal dak li sostna l-attur li hu kien hallsu t-tieni Lm100 ghax il-konvenut kien aggressiv, il-Qorti tirrileva, li anke kieku kien hekk, kien hemm modi ohra kif l-attur seta jagixxi u mhux ihallsu, jew ihallsu minghajr riserva jew protest ta' xejn.

F'dawn ic-cirkostanzi t-talba ta' l-attur ma tistax tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF  GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**